**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru**: 709/2018

**Illum, 23 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Joseph Zammit** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 484566M akkuzat talli:

Gewwa l-post maghruf bhala CORRS female (parti mill-YOURS) li huwa facilita' korrettiva u li jinsab gewwa l-Imtahleb, u f'dawn il-

Gzejjer bejn it-30 ta' Lulju 2018 u id-19 ta' Ottubru 2018, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali fuq il-persuna ta' -Omissis- imwielda fil—Omissis- meta l-istess minuri giet fdata lilek sabiex tihu hsiebha, tedukaha, tindukraha jew izzommhu. Dan il-kongungiment karnali jirrizulta li huwa penetrazzjoni vaginali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u, jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra;

   Art. 198(1)(2)(3), 202(a)(b)(c)(g)(j) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' ma' -Omissis- imwielda fil—Omissis-.

   Art. 204C(1), 204D(1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil -Omissis- imwielda fil—Omissis- u -Omissis- imwielda fil—Omissis-;

   Art 251A(1)(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kont taf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju ghal -Omissis- imwielda fil—Omissis- u -Omissis- imwielda fil—Omissis-.

   Art. 251A(1)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi issoggetta lil -Omissis- imwielda fil-31 ta' Jannar 2003 u -Omissis- imwielda fil-11 ta' Gunju 2002 ghal xi att ta' intimita' fizika jew talab favuri sesswali minghand l-istess persuni msemmija;

   Art. 251A(1)(c)(d) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi issoggetta lil -Omissis- imwielda fil-31 ta' Jannar 2003 u -Omissis- imwielda fil-11 ta' Gunju 2002 ghal xi att u/jew imgieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u/jew ghemil fejn dak l-att, kliem u/jew imgieba

mhumiex mixtieqa mill-vittmi, u jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u/jew intimidatorji lejn l-istess persuni msemmija;
Art 251A(1)(e) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, cirkostanzi kkommetta reat meta hu ufficjal pubbliku u kellu jissorvelja sabiex dan ir-reat ma jsirx jew kellu d-dmir jimpedixxi li jsir dan ir-reat.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' -Omissis- imwielda fil-31 ta' Jannar 2003 u -Omissis- imwielda fil-11 ta' Gunju 2002 hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori

tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Awwissu, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 31, 204C(1), 208B(1)(2)(2A)(4)[1] u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 31, 251A (1)(a)(b)(c)(d)(e)(2)(4), 251C, 251D(3), 251H(b)(d), 251HA u 202(j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 31 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 15A (1)(2), 16 17, 18, 19, 22, 31, 370(2)(3)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Vide l-artikolu 208B kif kien qabel ma'dahal fis-sehh l-Att III tal-2020.

6. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lill-minuri **-Omissis-** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellha hmistax-il sena u xehdet permezz tas-sistema awdjo-viziva u tghid illi kienet residenti il-facilità CORRS ghaliex kienet kisret il-helsien mill-arrest u regghet giet arrestata. Hija tghid illi meta kienet qed tinhasel tliet (3) xhur qabel mar l-imputat hdejha u qalilha l-kliem "il-listra x'figure ghandek". Hija tghid illi qaltlu l-kelma "ey" u tghid illi huwa telaq ghax haseb li kienet gejja l-gwardjana. Tghid illi wara rega' mar u qallha l-istess kliem u hija rrispondiet b'"thank you". Hija tghid illi f'dak il-hin hargilha l-parti privata tieghu. Tghid illi din il-haga grat hafna drabi xi sitt (6) jew seba' (7) darbiet u kienet tispicca biha ttih *blow job* hdejn ix-*shower* gieli fil-parti fejn jonxru l-hwejjeg u gieli bejn ix-*shower* u l-bieb u tghid illi kien igibha go halqha. Tghid illi

darb'ohra kienet bilqieghda faccata tac-cella b'saqajha mtellghin u allegatament rega' mar l-imputat u qallha l-kliem "urini dak il-pastizz zghir li ghandek" u tghid illi hi wrietulu fejn hemmhekk marret hdejn il-bieb tac-cella u nezzghalha x-xorts u dahlilha subghajh fil-parti taghha. Tghid illi qaltlu biex jieqaf izda ma waqafx sakemm ma resqitx lura ghax qaltlu li kienet qed twegga' meta hemmhekk waqaf.

Tiddeskrivi xi dettalji tal-imputat fejn tghid illi l-imputat kien jghidilha li kien jilbes qliezet ta' taht tad-ditta *Calvin Klein* u *Tommy Hilfiger*, iqaxxar il-parti tieghu u ghandu karrozza Mercedes u Peugeot hamra. Tghid ukoll illi l-imputat ghandu *tatoo* f'idu ta' warda b'isem tifla wahda u fuq l-ohra bl-isem it-tifla l-ohra tieghu.

Ix-xhud tkompli tghid illi l-ewwel persuna li kienet fethet qalbha maghha kien certu Khaled Tonna li kien il-Juvenile maghha mbaghad ma' certa Nancy li kienet il-Kap tal-Caritas fejn hemmhekk il-kaz gie riferut lill-awtoritajiet.

Xehdet ukoll il-minuri **-Omissis-** bl-istess sistema awdjo-viziva fejn hija tghid illi kienet residenti l-facilità YORRS u darba minnhom

meta hija kienet qed tinhasel talbitu *lighter* u hu ma tahiliex. Darb'ohra meta regghet kienet qed tinhasel fit-tieni cubicle tan-nofs u gie l-imputat u dahal fix-*shower* u qallha *"mhux se turini sidrek?"* u ta l-*lighter* u bdiet tghajjat biex johrog. Tghid illi meta kien jitkellem kien kollu doppju sens. Kien jghidilha illi sakemm kienet tghix hemmhekk kienu kibrulha sidirha. Hija tghid illi l-imputat kien jghaddi minn bieb iehor sabiex ma jarah hadd u cioè minn fejn ix-*shower* ghall-kcina jew min-naha tad-*division*. Tghid li biex tevitah talbet sabiex tibda tmur tinhasel fin-naha tal-irgiel. Meta giet murija Dok. JB4 hija tghid illi waqt li Miss Claire kienet tmur iggibilhom l-ikel fejn kienet tghaddi mill-kuritur quddiem ic-celel, l-imputat kien jghaddi minn naha ohra fejn hemm immarkat C sabiex jigi hdejn ic-cella taghha. Hija rreferiet ghal priguniera ohra barranija bl-isem -Omissis- fejn tghid illi din kienet tinhall meta tara l-imputat u anke hu u kemm-il darba rathom jew jaghtu xi bewsa fuq il-wicc jew imorru n-nahat tax-*showers.* Tghid ukoll illi l-ufficjali hemmhekk kollha kienu jafu li dawn kellhom din l-amicizja bejniethom. Tghid ukoll illi l-imputat kien jghidilha lil din -Omissis- li kien iddivorzjat. Tghid illi dawn il-problemi minn mal-imputat bdew meta telqet -Omissis- u -Omissis- u b'hekk sabet ruhha wehidha u b'hekk bdiet tiddejjaq bil-komportament tieghu.

Fuq domanda inkontroezami hija kkonfermat illi x-*showers* tan-nisa ma kellhomx mishun izda dak tal-irgiel kellhom mishun. Il-gwardjana kienet tehodhom fix-*showers* tal-irgiel, taghlaq il-bieb u tibqa' tistennihom wara l-bieb sakemm ilestu. Fuq domanda ohra hija kkonfermat li meta l-imputat gie jtiha l-*lighter* hi kienet fix-*shower* tan-nisa mbaghad kien hemm incident iehor wara li marret tinhasel f'dawk tal-irgiel u waqetilha l-*lighter* u meta Miss Claire kkonfrontatha l-imputat minn warajha beda jhemizha u jghidilha biex ittihielha.

<u>WCO10 Christine Sagam</u> xehdet meta -Omissis- tkellmet maghha fuq l-allegazzjonijiet fuq l-imputat u hi qaltilha sabiex tkellem lill-Maggur Schembri. Tghid illi -Omissis- kienet qaltilha li -Omissis- kienet fethet qalbha maghha izda ma kinitx emmnitha izda wara bdew jigru lilha. Qaltilha wkoll fuq id-darba tax-*shower* meta waddbilha *lighter*. Ix-xhud tghid illi peress li hi u l-imputat ghandhom xifts differenti qatt ma hadmu flimkien. Hija tghid ukoll illi sa fejn taf hi t-tfajliet kienu jinhaslu fix-*showers* tal-irgiel minhabba l-mishun izda ma kinitx taf li xi kultant kienu jinhaslu f'tan-nisa peress li -Omissis- tghid illi dak l-incident kien sar fix-*showers* tan-nisa.

Ufficjal iehor **<u>WCO32 Claire Deguara</u>** xehdet fuq l-incident tal-*lighter* fejn ikkonfermat dak li kienet qalet -Omissis- li l-imputat gie warajhom meta din bdiet issaqsiha sabiex ittiha l-*lighter*. Tikkonferma wkoll illi dan beda jghid lil -Omissis- biex ittihielha. Tghid illi wara gimgha din bdiet il-hin kollu issaqsiha sabiex tkun maghha u darba minnhom qaltilha x'kien jaghmlilha l-imputat. Ix-xhud tikkonferma illi l-ufficjali nisa jaraw nies ghaddejjin mill-ufficcju taghhom li qieghed fin-nofs tad-*division*. Tghid illi biex tmur ghax-*showers* tan-nisa hemm bieb iehor fuq in-naha ta' wara izda minn hemm mhux suppost jghaddi hadd. Tghid illi meta kien ikollhom bzonn xi tiswijiet kienu jcemplu lill-imputat u meta kienet tarah ghaddej min-nofs id-*division* kienet dejjem tohrog tikkontrolla. Hija tikkonferma li qatt ma rat ghajn hazina minnu. Tghid illi meta l-prigunieri nisa kienu jinhaslu fix-*showers* taghhom (li kien ikun fis-sajf meta tkun shana hafna) kienet tisimghu l-ilma niezel però qatt ma semghet l-ebda bieb jinfetah u jinghalaq izda jista' jkun li ma jinstemax. Tghid illi -Omissis- dahlet din id-divizjoni tliet (3) darbiet u xi kultant kienet tkun daqsxejn imqarba tant li tmur *confinement*.

Meta regghet ittellghet ix-xhud fuq talba tad-difiza infurmat bi kwistjoni fejn recentement -Omissis- kienet regghet dahlet fil-

facilità u meta kienet qed tippretendi aktar sigarretti u l-ufficjali ma tawhiex -Omissis- qaltilhom li ma kinitx ser tidhol fic-cella u jekk kien ser imissha l-ufficjal kien ser jispicca bhall-imputat. Hi tghid illi meta pprovaw idahhluha fic-cella lilha qaltilha l-kliem *"naf kollha x'hobz tieklu"* u mbaghad hedditha bit-tfal li ma tarahomx aktar.

Finalment hija kkonfermat illi fuq l-imputat qatt ma rat ghajn hazina.

<u>CO199 Gordon Failla</u> kkonferma dak li qalet ix-xhud qablu u kompla wkoll illi -Omissis- kienet nervuza hafna u bdiet thedded li kienet ser tpattihielhom u minn hemmhekk hu qabadha fil-prezenza ta' ufficjali ohra u bdiet takkuzah li hu kien nezzaghha gharwiena. Jghid illi hija stess bdiet tinza flokk wehidha meta ntefghet fic-cella. Jghid li minn hemmhekk huwa ddecieda li jaghmel rapport l-ghassa tar-Rabat.[2]

Xehdet haddiema mill-agenzija Caritas <u>Nancy Scerri</u> fejn ikkonfermat dak li kienet xehdet -Omissis- fuq l-allegazzjonijiet

[2] Vide Dok JS1 a fol 237 et seq

kontra Joseph Zammit u fejn din kienet qaltilha dak kollu li allegatament kien gara.

Xehdet ukoll l-ufficjal tal-Probation li kienet issegwi lil -Omissis- u cioè Maria Mifsud li kkonfermat illi f'Ottubru 2018 irceviet telefonata minn Nancy Scerri sabiex tmur il-*Juvenile Court* sabiex tkellem lil -Omissis- ghax kellha kawza hemm fejn din qaltilha li semghet lil -Omissis- tkellem wiehed guvni fuq xi haga li kienet saret il-CORRS. Illi meta x-xhud marret tkellem lil -Omissis- f'Novembru, fil-prezenza tas-*social worker* Graziella Buhagiar, din qaltilha li l-imputat kien jaghmlilha kummenti fuq il-figura taghha meta kienet tkun tinhasel. Kien hemm ukoll okkazjonijiet fejn meta hija tkun fil-*washroom* u kien jigi l-imputat u johorgilha l-parti tieghu u hi kienet taghmel *blow job* u kien igibha f'halqha. Ikkonfermat ukoll li qaltilha meta l-imputat allegatament dahhal subajh gol-parti taghha.

Xehed ic-*Chief Operations Officer* tal-Habs Randolph Spiteri li kkonferma li fuq dan ir-rapport ta' -Omissis- kienet infethet inkjesta interna fejn imbaghad ghalquha meta saru jafu li kien hemm investigazzjoni mill-pulizija u fejn ipprezenta l-inkartament tal-inkesta bhala Dok. RS1.

Xehed **<u>Bernard Zarb</u>** mill-JobsPlus fejn ikkonferma illi l-ahhar impjieg tal-imputat kien mal-Facilità Korrettiva ta' Kordin a bazi *full time*.

Xehed **<u>Martin Schembri</u>** li kien wiehed mill-membri fl-inkjesta u li kien jahdem hafna mal-imputat jghid illi kien jaf lill-imputat bhala persuna tal-affari tieghu u meta kien iqabbdu jaghmel xi bicca xoghol dejjem ghamilha bla problemi ta' xejn.

**<u>Gordon Formosa</u>** li jahdem bhala Assistant Correctional Manager il-CORRS ikkonferma li -Omissis- u -Omissis- kienu residenti f'din il-facilità bejn it-30 ta' Lulju u 19 ta' Ottubru 2018 u kkonferma li l-imputat kien addett ghall-manteniment tal-facilità meta kien jinqala' xi hsara.

Xehed ukoll **<u>Khaled Tonna</u>** illi ma jiftakar xejn fuq xi haga li grat li kienet tinvolvi lill-imputat ghalkemm kien jafu li kien jahdem il-YORRS u jinnega li kien ikellem xi *inmates* nisa.

Illi l-ufficjal **<u>Romeo Degorgio</u>** kkonferma illi l-imputat kien ikollu c-cwievet ta' kullimkien fil-post.

**WCO22 Carmen Abdilla** qalet illi hija qatt ma rat xejn hazin ghaliex il-prigunieri kienu dejjem ikunu fil-prezenza taghha meta hija kienet tkun xoghol u ghal mistoqsija li jekk qatt rat b'ghajnejha lill-imputat jiffastidja lil xi hadd hija wiegbet li qatt ma kienet ratu jaghmel xejn hazin la fil-konfront ta' nies ohra u l-anqas fil-konfront taghha.

## IKKUNSIDRAT

Rat ir-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti l-Perit Elena Borg Costanzi li giet nominata sabiex taghmel pjanta tal-post mertu tal-proceduri odjerni u li fih allegatament saru dawn l-atti[3];

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-espert tal-informatika Dr Steven Farrugia Sacco fejn esebixxa dokument kontenenti CD bl-informazzjoni li seta' johrog mic-cellulari tal-imputat; [4]

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Joseph Zammit** fejn dan spjega li kien ilu tlieta u ghoxrin (23) sena jahdem mal-Facilità

[3] Dok. EBC1
[4] Dok. SFS1

Korrettiva ta' Kordin fejn dan l-ahhar kien jahdem bhala *maintenance* l-postijiet kollha li kienu jaqghu taht din il-facilità.

Jghid illi meta kien imur il-YORRS kien jirraporta n-naha tal-irgiel u jghidulu fejn ghandu jmur isewwi. Huwa kien imur in-naha tan-nisa meta l-ufficjali nisa kienu jghidulu illi t-tfajliet kienu *all clear* li jigifieri jrid ikollu l-permess biex jidhol. Jghid illi *maintenance* f'tan-nisa ma tantx kien ikun hemm forsi f'gimgha kien imur darbtejn. Jghid illi f'dak il-perjodu li hu gie investigat dahal forsi xi tliet (3) darbiet.

Fuq il-kwistjoni tal-*lighter* jghid illi meta -Omissis- marret tinhasel fix-*showers* tal-irgiel, Claire ndunat li kienet waqetilha *lighter* li tixghel is-sigaretti ghaliex jghid li normalment it-tfajliet li ma kinux jithallew ipejpu kienu jaghmlu hekk fix-*shower* u dan sabiex ma jinstemghux. Jghid ukoll illi Claire kienet qaltlu sabiex jaghmlu rapport dwar dan u hu kien iffirma dan ir-rapport. Huwa kkonferma li persuni ma kinux jithallew meta t-tfajliet kienu qeghdin jinhaslu. Jikkonferma li kien waqaf mit-tipjip fis sena elfejn u sittax (2016). A rigward it-tpingija fuq spallejh dan ikkonferma li -Omissis- kienet taf bihom u dan ghaliex darba wahda meta kien qed isewwi xi haga fis-sajf u kien hemm WCO32 prezenti, din tal-ahhar

rathom u bdew jitkellmu fuqhom li hu kellu l-ismijiet taz-zewgt it-tfal tieghu -Omissis- u -Omissis- u -Omissis- kienet irrimarkatlu li dan kien ghaliha. A rigward is-suf f'dik l-okkazjoni WCO32 Claire kienet staqsietu jekk iqaxxar is-suf ta' jdejh imbaghad jghid illi qabzet -Omissis- u qaltilha li *"dawk kollox iqaxxru".* Huwa nnega kompletament l-akkuzi maghmula miz-zewg minuri.

Semghet ix-xhieda tal-**<u>Ispettur John Spiteri</u>** li pprezenta l-fedini penali aggornati taz-zewg minuri[5] -Omissis- u -Omissis-. Illi l-fedina ta' -Omissis- Bugeja hija wahda kkulurita hafna li tvarja izda predominanti huma r-reati kontra ufficjali pubblici u hafna drabi ksur ta' Ordnijiet mill-Qrati. Illi l-fedina ta' -Omissis- hija wkoll vasta minn reati kontra ufficjali pubblici, serq u feriti kontra persuni.

Fl-ahharnett xehdet **<u>Alison Vassallo</u>** li kkonfermat li hija kienet tahdem mal-imputat u tiddeskrivih bhala bniedem u ufficjal ezemplari li meta tigi bzonnu ssibu. Hi kkonfermat li qabel ma jidhol fid-*division* tan-nisa huwa kien dejjem icempel biex jidhol.

[5] Dok JS1 a fol 406 et seq

Tghid illi sakemm l-imputat ikun gewwa hija kienet tibqa' mal-*inmate* u jekk perezempju jdoqqilha t-telefon kienet issaqsih sabiex johrog u mbaghad jerga' jkompli wara li terga' tigi lura.

<u>Antonia Zammit</u> li tigi l-mara tal-imputat ikkonfermat illi r-ragel taghha jilbes biss qliezet ta' taht tad-ditta *Primark* jew tal-*Lidl*.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi primarjament jigi rilevat illi fin-nota tal-Avukat Generali li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jintalab li tinstab htija, m'hemmx indikat l-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirreferi ghar-reat ta' stupru ghalkemm l-ewwel akkuza addebitata lill-imputat huwa r-reat ta' stupru. Dan jindika illi; ghalkemm -Omissis- stqarret illi l-imputat ippenetraha billi dahhal subajh fil-parti vaginali taghha u allura jkun japplika dan il-provvediment; l-Avukat Generali qisu ma tantx ta widen ghal din il-bicca tat-testimonjanza però fl-istess hin ghazel li jaghti widen ghal kumplament tat-testimonjanza taghha u effettivament hareg l-Artikoli applikabbli ghall-akkuzi l-ohra hlief l-ewwel akkuza.

Illi din il-Qorti mill-ewwel ser tirrimarka illi ma tistax temmen parti mill-verzjoni tal-minuri u tiskarta partijiet ohra minnha u dan ghaliex -Omissis-, ghalkemm kienet minorenni fid-data tal-allegat reat, ma kellhiex età tenera izda kienet kwazi ser taghlaq is-sittax (16)-il sens u kienet taf ben tajjeb is-sistema tal-proceduri kriminali. Fil-fatt il-fedina penali taghha turi serje ta' reati li dwarhom kienet giet issentenzjata. Illi ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) akkuza.

A rigward il-fatti tal-kaz din il-Qorti thoss illi l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi ghaliex temmen li l-verzjonijiet tal-allegat vittmi m'ghandhomx mis-sewwa. F'dan ir-rigward issib applikabilità l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti konfort lil din il-Qorti fuq l-argumentazzjoni a rigward dan il-punt:

> *"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' minghandu jiggudika l-fatti,* ***<u>billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti,</u>***

***u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz*".**[6]

Illi l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri mhumiex bizzejjed sabiex ikun hemm konvinciment morali u legali li l-imputat ikkommetta l-atti li qeg jigi allegat bihom kif ser jinghad aktar 'l isfel f'din is-sentenza. Izda qabel xejn issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri[7] fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** fejn gie dikjarat is-segwenti:

***"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna,***

[6] Enfazi mizjuda mill-Qorti
[7] Deciza 5 ta' Lulju 2002

*jikkonvinci lill- gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova*

*diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer**[8] gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

[8] Deciza 8 ta' Mejju 2014

Illi f'dawn il-proceduri hareg illi l-imputat huwa haddiem u bniedem ezemplari u l-kollegi tieghu tax-xoghol qatt ma kienu raw ghajn hazina minnu. Illi huwa wisq improbabbli li l-imputat ikun ghamel dawk l-affarijiet li l-allegat vittmi allegaw fuqu tul perjodu ta' zmien u hadd mill-kollegi tieghu ma jkollhom ghall-inqas suspett ta' dan l-agir.

Punt iehor li hareg kien meta l-prosekuzzjoni staqsiet fuq il-persuna barranija li kienet fil-facilità bl-isem -Omissis-, li skont il-minuri -Omissis- kienet tinhabb mal-imputat u li kulhadd kien jaf b'din l-amicizja specjali. Illi fl-ebda punt ma l-prosekuzzjoni staqsiet lill-kollegi tal-imputat jew lill-imputat stess meta ha l-pedana tax-xhieda jekk kinux konxji ta' din il-hbiberija intima ma' din il-persuna u minn imkien iehor ma harget mill-atti jew mix-xhieda.

Illi ulterjorment u mir-rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi deher car illi din id-divizjoni hija mghammra b'kameras ta' sorveljanza fil-kurituri u jidher ukoll illi vicin ta' fejn hemm il-famuza *washroom* li -Omissis- semmiet li saret l-allegat penetrazzjoni u fastidju, hemm kamera li allura jekk forsi ma turix il-punt ezatt ta'

fejn setghu kienu, kienet turi l-ispostamenti tal-imputat jew tal-minuri ezatt qabel jew wara li sar l-allegat fatt.

Illi minn imkien fil-proceduri mal-prosekuzzjoni talbet illi jigu migbura dawn il-kameras ta' sigurtà u minn imkien mill-proceduri ma l-prosekuzzjoni talbet mill-amministrazzjoni tal-facilità l-granet li kienu talbu lill-imputat sabiex jaghmel xi xoghlijiet fid-divizjoni kemm tan-nisa u kemm tal-irgiel.

Illi dawn in-nuqqasijiet kollha jirrendu l-kaz tal-prosekuzzjoni aktar dghajjef minkejja l-fatt li hemm it-testimonjanzi tal-minuri izda kif intqal aktar 'il fuq ma tantx ghandhom mis-sewwa.

Fattur iehor hu l-prova li harget id-difiza fuq il-komportament u l-karattru ta' -Omissis- wara li nbdew il-proceduri fejn hija heddedt lill-ufficjali tal-facilità li kienet ser taghmlilhom bhal ma ghamlet lill-imputat. Ta' min jinnota li hija qaghdet attenta lil min tghid dawn il-kliem. Dawn il-kliem ma qalithomx lill-ufficjala mara izda lill-irgiel li kien hemm jassistu. Lill-ufficjala mara hedditha bit-tfal taghha li kienet ser titlifhom. Dan juri il-hazen ta' din il-persuna li taf ezatt il-kliem li ghandha tuza u din il-Qorti hija konvinta li dawn il-minuri -Omissis- u -Omissis- ghamlu

ezattament din il-haga li jivvintaw storja sabiex jilhqu l-ghanijiet taghhom jew biex ipattuha ghax sfortunatament ma jafux ahjar.

Illi finalment il-Qorti tinnota illi l-imputat ha l-pedana tax-xhieda ghalkemm kellu d-dritt tas-silenzju u ta l-verzjoni tieghu ta' kull fatt li bih gie allegat. Illi fid-depozizzjoni tieghu ma kienx evaziv anzi huwa rrisponda u ta' spjegazzjoni plawsibbli ghal kollox anke ghal fatt tat-*tatoos* u tal-qliezet ta' taht li jista' jilbes[9]. Ghal din ir-raguni din il-Qorti qieghda tqis lill-verzjoni tal-imputat bil-gurament bhala wahda kredibbli.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Joseph Zammit** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

**________________________________________________**

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**

[9] Vide depozizzjoni tal-mara tal-imputat Antonia Zammit.